MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 32/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Christopher Gatt ghan-nom tal-Woodline Limited kif ukoll l-istess Christopher Gatt ghan-nom tal-Woodline Limited**
**vs**

**Mary Pace**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fit-8 ta' Jannar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf mija u tlieta u sebghin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm1173.85) in kwantu ghas-somma ta' disa' mija u ghoxrin lira Maltija u u hamsa u tmenin centezmu (Lm920.85) lis-socjeta` attrici assikurattrici u in kwantu ghas-somma ta' mitejn u tlieta u hamsin lira Maltija (Lm253.00) lis-socjeta` attrici Woodline**

**Limited, rappresentanti danni li sofrew meta l-konvenuta waqt li kienet qed issuq il-vettura bin-numru IAI-593 fil-11 ta' Jannar, 2000, gewwa l-Floriana habtet mal-vettura numru BSL-006 proprjeta` ta' Woodline Limited u kkaguna danni f'din l-istess vettura. Dan l-incident hija ghalih unikament responsabbli l-konvenuta stante li s-sewqan taghha kien wiehed negligenti u traskurat;**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 27 ta' Dicembru, 2001 kontra l-konvenuta, u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta, bl-imghax kontra l-istess konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fit-13 ta' Frar, 2002 fejn intqal illi t-talba ta' l-atturi ghall-hlas ta' l-ammont ta' elf mija u tlieta u sebghin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm1173.85) ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda tort imputabbli lill-konvenuta, izda sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Christopher Gatt, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' PS1454 Jason Grima, Christopher Gatt u Mary Pace. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fil-11 ta' Jannar, 2000 ghall-habta tad-9.30am.. Involuti fl-incident kienu il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BSL-006 misjuqa mill-attur, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAI-593 misjuqa mill-konvenuta. L-incident gara fi Triq V. Dimech, Floriana. Dak in-nhar fil-hin ta' l-incident kienet ghada kemm bdiet ix-xita.**
**2. Jibda biex jigi rilevat illi din it-triq hija "dual carriageway" u ghandha linja bajda taqsam iz-zewg**

**karreggjati. Gie nnutat illi din il-linja l-bajda hija fin-nofs tat-triq, pero` jkun hemm vetturi parkeggjati fuq in-naha tax-xellug (fid-direzzjoni tad-Depot tal-Pulizija), b'mod li min gej mid-direzzjoni tal-Furjana ma jkollux l-istess spazju bhal min hu gej mid-direzzjoni opposta. F'dan is-sens l-attur ilmenta li l-linja l-bajda ma tirriflettix l-qasma attwali minhabba l-vetturi parkeggjati, u f'dan is-sens it-Tribunal qed jaghti ragun lill-attur ghall-ilment tieghu.**

**3. Jirrizulta li l-attur kien qed isuq fi Triq Dimech fid-direzzjoni tad-Depot tal-Pulizija, filwaqt li l-konvenuta kienet gejja mid-direzzjoni opposta. Jirrizulta li kien hemm vetturi parkeggjati fuq in-naha tax-xellug tat-triq mid-direzzjoni minn fejn kien gej l-attur. Jirrizulta li mid-direzzjoni minn fejn kienet gejja il-konvenuta, kien hemm karrozza wahda parkeggjata fuq il-lemin tat-triq, liema karrozza kienet nofsa fuq il-bankina.**

**4. Jirrizulta li l-konvenuta qabel ma qabdet Triq Dimech, kienet harget minn Triq Konservatorju, u kellha taqbez il-vettura parkeggjata (li kienet nofsha parkeggjata fuq il-bankina) u meta qabzet lil din il-vettura, sehhet il-kollizzjoni mal-attur.**

**5. Jirrizulta li l-attur kellu d-danni fuq ir-rokna ta' quddiem in-naha tal-lemin, filwaqt li l-konvenuta kellha danni fuq quddiem in-naha tal-lemin, fuq il-bumper, bonnet, mudguard u bieba.**

**6. Skond l-attur hu ra lill-konvenuta gejja mill-faccata u jghid li din ma kienetx qed thares lejh, u ghalhekk jghid li waqaf, pero` hi baqghet diehla go fih. Skond l-attur, il-konvenuta daret, giet fid-dritt, u malli giet fid-dritt laqtet mieghu. Jghid li ghaddew tlett sekondi minn meta raha sa ma sehhet il-kollizzjoni. Il-konvenuta ma taqbilx li l-attur waqaf u lanqas li ma kienetx qed thares, anzi tghid li ratu gej u li baqa' ghaddej u habat maghha. It-Tribunal qed jirrileva din il-konfliggenza fil-versjoni tal-partijiet.**

**7. Il-konvenuta qed tghid ukoll li l-attur kien gej b'velocita`. Jigi nnutat ukoll li l-konvenuta qalet hekk: "jiena w tiela lmaht il-vettura l-ohra ftit l-boghod minni. Tul ta' karrozza, karrozza u nofs il-boghod minni." Jirrizulta li l-impatt kien ta' certa entita`, u**

**huwa verosimili li l-attur fic-cirkostanzi tassew ma kienx wieqaf kif qed jallega, izda kien miexi u ikkalkola hazin, pero` dan kien miexi fid-dritt a differenza tal-konvenuta.**

**8. Ghalhekk it-Tribunal qed jasal ghall-konkluzzjoni li l-kollizzjoni grat minhabba zball ta' kalkolu taz-zewg vetturi. Tenut kont tal-vettura parkeggjata, l-konvenuta messa kienet aktar diligenti fil-manuvra li ghamlet meta qabzet lil din il-vettura, u f'dan is-sens, it-Tribunal qed jattribwixxi aktar tort lill-konvenuta ghall-eventwali kollizzjoni. L-attur, ex admissis, ra lill-konvenuta gejja, u baqa' miexi, u dan ma kienx prudenti tenut kont li kienet ix-xita u l-partikolaritajiet tat-triq fejn gara l-incident, u ghalhekk hu wkoll ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-kollizzjoni, ghalkemm fi grad ferm anqas.**

**9. Ghalhekk tenut kont ta' dak li ntqal it-Tribunal qed jattribwixxi tlett kwarti tat-tort lill-konvenuta u kwart lill-attur ghall-kollizzjoni li sehhet.**

**10. Dwar id-danni qed jintalab il-hlas ta' elf mija u tlieta u sebghin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm1173.85) in kwantu ghas-somma ta' disa' mija u ghoxrin lira Maltija u u hamsa u tmenin centezmu (Lm920.85) lis-socjeta` attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' mitejn u tlieta u hamsin lira Maltija (Lm253.00) lis-socjeta` attrici Woodline Limited.**

**11. Jirrizulta mid-Dok.LB4 li l-ammont ta' danni li hallset is-socjeta` attrici kienu jammontaw ghall-tmien mija sebgha u tmenin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm887.85) li maghhom iridu jizdiedu tmintax-il lira ghall-isketch, road accident report, u survey, u ghalhekk l-ammont dovut lis-socjeta` attrici huwa zewg terzi ta' disa mitt lira u hamsa u tmenin centezmu, cioe` sitt mitt lira u sitta u hamsin centezmu (Lm600.56).**

**12. Kien hemm disputa dwar li l-kiri ta' vettura ghall-hamsa u ghoxrin jum da parti ta' l-attur bir-rata ta' hdax-il lira kuljum huwa eccessiv. It-Tribunal innota l-argumentazzjoni ta' l-attur li qal li necessarjament kellu jikri karozza kemm jista' jkun simili minhabba li jkollu nies tan-negozju. Pero` t-Tribunal jirrileva li**

**wiehed ghandu l-obbligu li jipprova jimminimizza d-danni u mhux izid. Ghalhekk fic-cirkostanzi huwa minnu li s-somma ta' hdax-il lira kuljum hija eccessiva, u qed jirrileva li s-somma ta' seba' liri u hamsin centezmu (Lm7.50), li t-Tribunal qed jiffissa arbitrio boni viri, hija fic-cirkostanzi aktar accettabbli.**

**13. Dwar li dam hamsa u ghoxrin gurnata isewwi, t-Tribunal innota li skond is-surveyor it-tiswija kellha tiehu ghaxar tijiem tax-xoghol. Ma jirrizultax li il-fatt li damet ghat-tiswija tista' tigi attribwita lill-attur u fic-cirkostanzi it-Tribunal qed jilqa' it-talba ghal dak li jirrigwarda hamsa u ghoxrin gurnata kiri. Dawn bis-somma ta' seba' liri u hamsin centezmu (Lm7.50) kuljum, igibu s-somma ta' mija u sebgha u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm187.50) ghall-"loss of use". Ghalhekk jigi li hemm dovut lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm125.00).**

**Ghaldaqstant in kwantu l-konvenuta kienet tahti ghall-incident de quo fil-grad ta' zewg terzi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fl-ammont ta' seba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm700.56), u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici assikuratrici s-somma ta' sitt mitt lira u sitta u hamsin centezmu (Lm600.56) u lis-socjeta` attrici Woodline Limited is-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm125.00) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-zewg terzi mill-konvenuta u terz mill-attur.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**